MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 371/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**

**Nazzareno Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar il-Hamis 13 ta' Lulju, 2006, f'Bugibba, xjentement qieghed f'cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija, b'marka, sinjal jew emblema msebbhin b'qerq u cioe' hames mija w tmienja w ghoxrin (528) "optical diskettes" konsistenti fi tlett mija w tlieta w erbghin (343) DVD's u mija w hamsa w tmenin (185) audio CDs;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanufattura, dduplika jew

mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra w protetti bil-ligi ta' Malta jew tahta;
3. li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Qorti Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-magistrati datati 20 ta' Settembru, 2001, 9 ta' Mejju, 2002, 4 t'Ottubru, 2002, 14 ta' Jannar 2003, 26 ta' Novembru 2003, 29 ta' Marzu 2004, 25 ta' Novembru, 2004, 22 ta' Marzu 2005 u 9 ta' Mejju, 2005, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;
4. li b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-kap 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Frar, 2006.
Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 298(f), 298B, 49, 50, 17, 31 u 28A tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, sabet lill-appellat hat ital-akkuzi kontrih dedotti w ikkundannatu sitt xhur prigunerija w LM200 multa.  Fir-rigward il-prigunerija l-Qorti ssospendiethom ghal sena sakemm l-appellat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza.
Ordnat il-konfiska tal-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mar-reat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellate fis-sens illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat Buhagiar gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena mill-15 t'Ottubru, 2007 sakemm l-appellat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza w multa ta'

mitejn lira Maltin, tinfliggi kontra tieghu l-piena skond il-ligi w tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 23 tal-Kap. 446 fil-konfront ta’ l-appellat relattivament ghall-ksur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti w cioe':- 1. Li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet teroga sentenza ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-appellant stante li hu ammetta li kien recidiv fis-sens tal-art. 50 tal-Kap.9 kif ukoll li kien wettaq ir-reati de quo fil-periodu operattiv ta' provvediment taht l-artikolu 22 tal-Kap.446. 2. L-appellant kiser id-dispozizzjonijiet ta' sentenza ta' liberta' kondizzjonata ghal tlitt snin moghtija mill-Qorti fl-14 ta' Frar, 2006 u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tipprocedi fuq dan il-ksur ta' dik is-sentenza skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap.446.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :-

“Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta’ din il-Qorti) f’ xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-

(**b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50”**

u

**( c ) meta r-reat ikun sar fil-periodu ta’ probation jew ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin .”**

Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bir-recidiva , ammetta l-akkuzi kollha w fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ccitat l-artikoli 49 u 50 li jittrattaw dwar ir-recidiva, kif ukoll li kiser il-kondizzjoni tas-sentenza ta' liberta' kondizzjonata tal-14 a' Frar, 2006.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet doppjament prekluza milli teroga sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (ara Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"** [28.9.2003], **"Il-Pulizija vs. Jonathan Joseph Briffa"** [6.10.2003] u ohrajn).

Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellant hu ben fondat u qed jigi akkolt.

Illi galadarba ma gie intavolat ebda appell mill-appellat innifsu kontra l-kundanna ghall-piena karcerarja (sia pure sospiza), din il-piena karcerarja ghaddiet in gudikat ukoll u l-unika kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hi jekk tali piena karcerarja ghandix tkun effettiva w esegwibbli minnufieh jew tibqa' sospiza. F'dan is-sens hija limitata it-talba fl-appell tal-Avukat Generali w ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkontempla xi forma ta' piena jew provvediment alternattiv ghax dan ikun jezorbita ghal kollox mill-mertu ta' dan l-appell . Kien ikun differenti kieku l-appellat ukoll kien appella mill-piena w talab li tigi nflitta xi piena jew provvediment iehor ghax b'hekk kienet tkun aperta l-kwistjoni dwar x' ghandha tkun l-ahjar piena jew l-ahjar provvediment fic-cirkostanzi. Dan pero' mhux il-kaz u ghalhekk idejn il-Qorti huma marbuta bit-termini li fih gie impost l-appell odjern.
Hekk gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004] fejn intqal:-

*"Illi f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza u partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun*

*ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella , u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz 'between two stools' . "*

Ikkonsidrat;

Li umbaghad una volta li rrizulta mill-istess ammissjoni tal-appellant li hu kien kiser il-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt snin, imposta fuq bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar, 2006, l-Ewwel Qorti kien imissha, kif jiddisponi l-artikolu 23 tal-Kap. 446, ittrattat mall-appellant ghar-reat li dwaru kienet saret dik l-ordni b' kull mod li ista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat. Dan l-Ewwel Qorti naqset li taghmlu. Ghalhekk anki dan l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-sitt xhur prigunerija sospiza ghal zmien sena w, minnflok, tikkundanna lill-appellat, recidiv, ghall-istess terminu ta' sitt xhur prigunerija b'effett mill-lum li pero' minnhom irid jitnaqqas kull periodu li fih l-appellat kien taht arrest preventiv in konnessjoni mall-istess reati, w tikkonfermaha fil-kumplament taghha fejn iddikajrat u sabet htija fl-imputat

appellat skond l-akkuzi migjuba kontrieh kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200).

In oltre din il-Qorti tordna li l-appellat jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu talli kiser il-kondizzjonijiet ta’ sentenza ta’ liberta' kondizzjonata ghal tlitt snin fuqu mposta minn dik ll-Qorti b' sentenza tal-14 ta' Frar, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------